Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 540/1994/2

**Lui Jun u Francis Tabone ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Leisure Clothing Limited u b'nota tas-26 ta' Novembru, 1999 Han Bin nomine assuma l-atti in rappresentanza tas-socjeta` Leisure Clothing Ltd flok Liu Jun u Francis Tabone li rrizenjaw minn diretturi tas-socjeta` Leisure Clothing Ltd.**

**v.**

**Ulrich Salomo ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Marque Noire Fashion Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**

B’citazzjoni pprezentata quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fl-20 ta’ April, 1994 is-socjeta` attrici ppremettiet illi hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta’ erbatax-il elf mija tnejn u tmenin lira Maltin, sitta u sittin centezimu (LM14,182.66,0) u dan prezz ta’ xoghol ta’ abbiljament prodott akkont tas-socjeta` konvenuta u fornut lilha u dan in forza ta’ kuntratt ta’ appalt tas-17 ta’ Lulju, 1992 (Dok. A) liema xoghol jinsab sallum mhux imhallas; illi s-socjeta` konvenuta qedha tirrifjuta li thallas l-imsemmija somma fuq pretesti li huma infondati u bla bazi kemm fattwali kemm legali u dan kif jigi ppruvat f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza; is-socjeta` attrici ghalhekk talbet li dik il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha s-somma fuq imsemmija bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-dati tar-rispettivi konsenji kontra l-konvenut nomine li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

B’nota ipprezentata fl-10 ta’ Gunju, 1994 l-konvenut nomine eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut qed jagixxi konformament mal-ftehim li kellu ma’ l-attur u huwa l-istess attur li kiser il-ftehim u rreka danni lill-konvenut, tant illi qed tittiehed din l-opportunita` sa biex tigi ntavolata l-apposita kontro-talba.
2. Illi minghajr pregudizzju in ogni caso, l-ammont pretiz huwa aktar minn dak li jista` jigi mitlub skond il-ftehim kieku x-xoghol sar kif suppost u ghalhekk huwa kkontestat ukoll.

Fil-kontro-talba tieghu l-konvenut ippremetta illi s-socjeta` rapprezentata mill-attur bl-agir taghha bi ksur tal-ftehim tas-17 ta’ Lulju 1992 ikkawzat danni lill-konvenut konsistenti f’telf ta’ kuntratt sostanzjali mad-ditta estera Ouiset GmbH, liema telf fisser tnaqqis serju fid-dhul tal-konvenut u konsegwentement fil-profitti tieghu; illi t-telf tal-kuntratt imsemmi gara unikament minhabba l-agir ta’ l-

attur bi ksur ta’ l-imsemmi ftehim; ghalhekk il-konvenut talab li dik il-Qorti:

1. tiddikjara lill-attur rikonvenut unikament responsabbli ghad-danni li sofra l-konvenut;
2. tillikwida d-danni kkawzati mill-attur rikonvenut u sofferti mill-konvenut anke permezz ta’ periti nominandi, u
3. tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-konvenut.

Bl-ispejjez u imghax skond il-ligi kontra l-attur rikonvenut imharrek ghas-subizzjoni.

Is-socjeta` attrici rikonvenuta eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonant nomine stante illi ma huwiex minnu illi s-socjeta` attrici rikonvenzjonata bl-agir taghha kisret il-ftehim tas-17 ta’ Lulju, 1992 u lanqas ma huwa minnu illi s-socjeta` rikonvenzjonata bl-agir taghha kkawzat xi danni lil-konvenut rikonvenzjonant nomine u dan kollu kif jigi ppruvat f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-3 ta’ Ottubru, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi fl-ewwel lok laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement cahdet it-talba attrici bl-ispejjez relattivi jithallsu kollha mis-socjeta` attrici, u fit-tieni lok, laqghet biss l-ewwel talba tal-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, izda cahdet it-tieni u t-tielet talba peress li, fic-cirkostanzi, d-danni kienu gew pre-likwidati u mehuda mis-socjeta` konvenuta b’effett tac-cahda tat-talba attrici; l-ispejjez tal-kontro-talba jithallsu nofs kull wiehed mill-partijiet.

Is-socjeta` attrici ma resqet ebda appell mis-sentenza fuq imsemmija u kienet biss is-socjeta` konvenuta li appellat minn din is-sentenza in kwantu hasset li c-cahda tat-tieni u tat-tielet talba taghha kienet ingusta billi, kif jinghad fir-rikors ta’ l-appell “*l-aggravju jikkonsisti fl-invokazzjoni zbaljata mill-Onor. Qorti ta’ l-Artikolu 4 tal-kuntratt bejn il-kontendenti ….. li wasssal lill-ewwel Onor. Qorti biex*

*tichad it-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali.*" Kien ghalhekk li s-socjeta` konvenuta talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Onor. Qorti in kwantu laqghet l-eccezzjonijiet tar-rikorrenti u cahdet it-talbiet ta' l-intimati u wkoll tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Onor. Qorti in kwantu laqghet l-ewwel talba rikonvenzjonali, pero` thassar is-sentenza in kwantu cahdet it-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali u tiddecidi minflok illi tilqa` t-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, b'dana illi tiehu in konsiderazzjoni dak sottomess mir-rikorrenti u tillikwida d-danni u tikkundanna lill-intimati ghall-hlas ta' l-istess jew fin-nuqqas taghti dawk id-direzzjonijiet li jidhru utili biex it-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali jigu moghtija effett.

**Ikkunsidrat:-**

Il-pern tal-kwistjoni involut f'dan l-appell jikkoncerna l-applikabbilita` o meno ta' l-artikolu 4 ta' l-iskrittura tas-17 ta' Lulju, 1992 (Dok A) in kwantu qed jigi sottomess mill-appellanti li t-talba rikonvenzjonali tipprexxindi mill-ftehim milhuq bejn il-kontendenti u l-applikazzjoni mill-Ewwel Qorti ta' l-artikolu imsemmi jammonta ghall-decizjoni "*ultra petita*". Ikun xieraq, ghalhekk, li tigi riprodotta dik il-parti tas-sentenza appellata li tikkunsidra t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta. Din tghid hekk:-

*"Jekk nigu issa biex nanalizzaw din il-klawsola erbgha, wiehed jinnota li l-klawsola tuza l-kelma "may" u ghalhekk, f'kaz ta' ksur tal-kuntratt, is-socjeta` konvenuta setghet dejjem thallas dawk li ghandha thallas u tfittex ghad-danni li jkunu jridu jigu ppruvati. Min-naha l-ohra, jekk is-socjeta` konvenuta taghzel li zzomm il-hlas "in lieu of damages", ma tistax, ukoll, titlob id-danni. Fi kliem iehor, fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta` konvenuta ma tistax tinvoka l-klawsola 4, u, fl-istess hin, titlob danni ulterjuri.*

*"Meta jkun hemm ksur ta' kuntratt, l-obbligat ikun responsabbli ghad-danni. Dawn id-danni jistghu jkunu jew konvenzjonali jew gudizzjali. Ta' l-ewwel huma danni pre-likwidati, fejn il-kontraenti jiftiehmu minn qabel li, f'kaz ta' ksur tal-kuntratt, id-danni rizarcibbli jkunu tant, kwantifikati minn qabel. F'dan il-kaz, dawk id-danni jkunu dovuti minghajr htiega li ssir il-prova li dawk id-danni gew fil-fatt*

*sofferti. Min-naha l-ohra, jekk id-danni ma jkunux pre-likwidati, min jitlob id-danni, irid jipprova t-telf li hu realment ikun sofra, u dan peress li d-danni jridu jkunu reali. Id-danni, f'dan il-kaz, jigu likwidati mill-Qorti, u ghandhom ikollhom konnessjoni diretta mal-ksur invokat.*

*"Is-socjeta` konvenuta, f'dan il-kaz, jidher li invokat klawsola erba' tal-ftehim, ghax mhux biss ma hallsitx ghall-konsenji partikolari, izda invokat dik il-klawsola fil-kors ta' din il-kawza u qed titlob l-eccess tad-danni mis-somma mitluba. Fil-fatt, is-socjeta` konvenuta mill-ewwel invokat id-dritt li ma thallasx ghall-prodott "konformament mal-ftehim", u cioe`, li zzomm il-hlas dovut fid-dawl tal-ksur tal-ftehim da parti tas-socjeta` attrici. Kif jghid l-artikolu 1138 tal-Kodici Civili (Kap 16), 'meta l-ftehim jistabilixxi illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tieghu ghandha thallas somma determinata bhala danni, <u>ma tistax tigi moghtija lill-parti l-ohra somma akbar</u> jew izghar."*

*"Fil-kaz in ezami, ghalkemm il-klawsola erbgha ma tindikax somma specifika bhala danni, taghmel referenza ghal cirkostanzi facilment determinabbli u cioe`, il-hlas ta' konsenji partikolari li jkunu ghadhom mhux saldati. Somma facilment determinabbli hija ekwivalenti ghal somma, ghal kull fini u effetti, determinata, u darba dik is-somma setghet tinzamm mis-socjeta` konvenuta "<u>in lieu</u> of damages", ma tistax titlob izjed. Dik il-klawsola hi cara: il-hlas dovut jista` jinzamm, f'kaz ta' ksur tal-kuntratt, "in lieu of damages", u cioe`, flok d-danni, u kwindi, ma tistax titlob danni ohra.*

*"Meta zewg partijiet jiftiehmu minn qabel x'ghandhom ikunu d-danni f'kaz ta' nuqqas, dik il-konvenzjoni torbot lill-partijiet bhala espressjoni tal-volonta` libera taghhom. Gie dejjem ritenut li l-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni soggettiva taghha ghar-rieda tal-partijiet li diga` stabbilew bejniethom il-quantum tad-danni li l-attur isofri minhabba l-inadempjenza tal-parti l-ohra fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni assunta minha. Meta l-partijiet jiftiehmu minn qabel l-ammont tad-danni, ma tistax ikun hemm temperament fil-quantum, liberament*

*miftiehma u assunta (ara 'Mifsud vs Stivala' deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 1991.) L-iskop fil-fatt, ta' tali klawsoli, fi kliem il-Baudry – Lacantinerie (Trattato Di Diritto Civili – Delle Obbligazioni –Vol 1 p.542), "e` quello d'evitare le contestazioni ed i giudizi ai quali potrebbe dar luogo la liquidazione del risarcimento dei danni, e qualche volta anche di premunirsi contro l-arbitrio, inevitabile in questa materia, delle decisioni del giudice. Del resto, le parti possono, meglio d'ogni altro, valutare i propri interessi." Jekk is-socjeta` konvenuta riedet tirriserva d-dritt li titlob danni ulterjuri, dan kellha taghmlu fil-ftehim, izda la darba kienet kuntenta li zzomm il-hlas dovut lis-socjeta` attrici f'kaz ta' danni, ma tistax titlob aktar milli d-dritt li tibqa' zzomm il-hlas li kien ikun allura dovut lis-socjeta` attrici."*

**Ikkunsidrat:-**

Qed jigi sottomess mill-appellanti li l-ewwel Onorabbli Qorti harget mill-binarju ta' dak li kellha tiddecidi billi, skond l-istess appellanti, fil-proceduri odjerni la parti u lanqas l-ohra ma ghamlet ebda eccezzjoni jew sottomissjoni dwar l-applikabilita` ta' l-Artikolu 4 ta' l-iskrittura fuq imsemmija. Inoltre qed jigi sottomess li meta s-socjeta` appellanti zammet lura milli thallas l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici, saret rizerva ghal danni ulterjuri. Finalment saret referenza ghall-negozjati li kienu qed isiru qabel dawn il-proceduri.

Qabel xejn ghandu jinghad li kwalunkwe rizerva li saret mis-socjeta` konvenuta f' korrispondenza mizmuma mas-socjeta` attrici ma ghandha bl-ebda mod tbiddel r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti kif johorgu mil-ligi. Daqstant trattativi li setghu nzammu qabel dawn il-proceduri bl-ebda mod ma ghandhom jirriflettu fuq l-andament tal-kawza, specjalment meta dawn, skond l-istess socjeta` konvenuta, kienu qed jinzammu bla pregudizzju.

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li l-punt in kontestazzjoni mhux indirizzat lejn dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-posizzjoni legali meta l-partijiet

jistabilixxu ‘a priori’ d-danni li jistghu jkunu dovuti meta parti tonqos mill-obbligazzjonijiet taghha, izda qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar ir-relazzjonijiet ta’ bejn il-kontendenti ghal dak li huma danni ulterjuri, ma kellhiex taghmel referenza ghall-Artikolu 4 ta’ l-iskrittura.

L-Artikolu 4 tal-ftehim jipprovdi li s-socjeta` konvenuta “*may retain in lieu of damages any sums due to the Contractor for garments supplied in the event of any breach of this Contract by the Contractor*.” Il-mod kif inhi redatta din il-klawsola ma thalli ebda dubbju dwar l-intenzjoni tal-partijiet u cioe` li f’kaz ta’ ksur ta’ l-obbligi naxxenti mill-kuntratt da parti tas-socjeta` attrici, s-socjeta` konvenuta tkun intitolata li zzomm kull pagament dovut fuq il-konsenji ghas-saldu tad-danni. Kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mis-socjeta` konvenuta fir-rikors ta’ l-appell, mill-atti processwali jidher car li l-iskrittura tas-17 ta’ Lulju 1992 hija l-bazi ta’ kollox. Infatti s-socjeta` attrici qedha tagixxi in kwantu bhala “contractor” imqabbad mis-socjeta` konvenuta, tippretendi l-hlas ta’ ammont dovut lilha a tenur ta’ l-istess skrittura ghal xoghol minnha ezegwit. Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta talbet li t-talbiet attrici jigu rigettati a tenur ta’ dak li hemm provdut fl-istess meta qalet espressament “illi t-talbiet ta’ l-attur huma infondati …stante illi l-konvenut qed jagixxi konformament mal-ftehim li kellu ma’ l-attur u huwa l-istess attur li kiser il-ftehim u rreka danni lill-konvenut...”. Is-socjeta` konvenuta ‘agixxiet konformament’ mal-ftehim billi zammet il-pagament ta’ l-ammont dovut lis-socjeta` attrici. Inoltre jigi rilevat li anke l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta terga’ taghmel referenza specifika ghall-ftehim tas-17 ta’ Lulju 1992 billi fl-ewwel paragrafu tal-premessi jinghad espressament “*illi s-socjeta` rapprezentata mill-attur bl-agir taghha bi ksur tal-ftehim tas-17 ta’ Lulju 1992 ikkawzat danni lill-konvenut…..”*. Jidher ghalhekk li, kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat fir-rikors ta’ l-appell, ir-relazzjonijiet ta’ bejn il-kontendenti jitwieldu u huma regolati mill-iskrittura fuq imsemmija. Din il-Qorti, fic-cirkostanzi ma tarax kif s-socjeta` konvenuta tapplika dak li jaqbillha mill-ftehim u fl-istess hin tippretendi xi drittijiet ulterjuri li johorgu mill-

istess ftehim.  Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti meta l-kontraenti, a tenur ta’ l-Artkolu 1138 tal-Kodici Civili, jistabilixxu a priori illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tal-ftehim ghandha thallas somma determinata bhala danni, ma tistax tigi moghtija lill-parti l-ohra somma akbar jew izghar.

Biss oltre dan jigi rilevat li ghalkemm kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni, id-debitur in bona fede huwa obbligat biss ghal dawk id-danni li basar jew li wiehed seta’ jobsor fiz-zmien ta’ l-obbligazzjoni. Ma jirrizultax li ngiebet xi prova li n-nuqqasijiet tas-socjeta` attrici kienu rizultat ta’ xi agir doluz da parti ta’ l-istess socjeta` jew li wiehed seta’ jobsor li l-konsegwenzi ta’ tali nuqqasijiet kienu ser iwasslu ghat-telf tal-kuntratt li s-socjeta` konvenuta kellha mal-principali taghha fil-Germanja, u ghalhekk is-socjeta` attrici ma tistax, apparti dak li ntrabtet fil-kuntratt tas-17 ta’ Lulju, 1992, tigi mizmuma responsabbli ghal danni ulterjuri.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------